Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,230, 23 ta' April, 2024

Taqsima B

A.L. 96 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Financial Services – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Financial Services – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Financial Services – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi, ippubblikati bħala Avviż Legali 320 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2024 'il quddiem.

It-Tħassir tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

3. L-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 9 sa 13 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinamenti 9 sa 13 tal-ordinamenti prinċipali għandhom ikunu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 8 sa 12.

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' mhux anqas minn 20,000 kelma u mhux aktar minn 25,000 kelma skond il-linji gwida maħruġin mill-Bord."